**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 35 – L-ERBGĦA 4 TA' AWWISSU 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**35.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

35.1.1 Ma kienx hemm.

**35.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

35.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (34) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Emanuel Zammit issekondah.

35.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 35.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

35.3.1 Ma kienx hemm.

## 35 .4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

35.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien talab laqgħa ma' CEO tal-Aġenzija Infrastructure Malta dwar proġetti proposti għall-futur. Il-laqgħa inżammet nhar it-3 ta' Awwissu fl-Uffiċini ta' IM. Kompla billi qal li filwaqt li rringrazzjah tax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Wied u Triq il-Bruka, min-naħa l-oħra wera d-diżappunt tal-Kunsill tad-dewmien esaġerat biex jitlesta l-proġett ta' Triq il-Wied. Irrimarka wkoll dwar *snag list* li sa dakinhar tal-laqgħa kienu għadhom qed jaħdmu fuqhom partikolarment fuq il-*grids tal-istorm water culverts* fejn sfortunatament kellu jseħħ inċident tat-traffiku. Is-Sindku saħaq biex il-Kuntrattur jikkonkludi x-xogħlijiet pendenti a sodisfazzjon ta' kulħadd.

Is-Sindku Dott. Sciberras semma li kien tkellem mas-CEO dwar dwar l-istrippa ta' ħamrija li hemm f'B'Kara By-Pass li tmiss mall-konfini tal-lokalità tal-Iklin peress li din l-istrippa tinsab fi stat ta' abbandun fejn preżentement hemm speċi differenti ta' siġar, uħud minnhom invażivi, oħrajn mejta u ma ġewx imħawwla siġar oħra ġodda u diffikultajiet oħra fl-infrastruttura eżistenti. Każ tipiku huwa l-għargħar li jkun hemm f'parti minn B'Kara By-Pass bl-ilmijiet tax-xita. Semma kif matul il-korsa ta' din l-istrippa, hemm partijiet fejn intilfet ħafna ħamrija (soil erosion) minħabba raġunijiet varji.

Filwaqt li spjega li r-responsabbiltà ta' din l-istrippa bil-ħamrija tul B'Kara By-Pass taqa' taħt Malta Embelisshment Landscapes Project, is-Sindku deherlu li l-Kunsill għandu jagħti dehra ġdida billi ssir riġenerazzjoni tas-sit li għandha sservi bħala vetrina għal din il-lokalità. Ir-rapport bid-data tas-17 ta' Mejju 2021 imħejji mill-istess Uffiċċjal tal-MELP isemmi li ma jirrakkomandax li jsiru interventi f'din l-istrippa eżistenti filwaqt li jilqa bi pjaċir il-proposta tal-Kunsill li ssir riġenerazzjoni ta' Triq Birkirkara.

Informa wkoll li dan il-ħsieb tal-Kunsill kien ġie diskuss fil-leġiżlatura preċedenti. Matul din il-leġiżlatura, il-Kunsillier Godwin Catania li għandu d-dekasteru tal-Ambjent u l-

Ħarsien tal-Annimali, permezz tas-sotto-Kumitat, reġgħet nibtet l-ideja li din l-istrippa għandha tiġi organizzata aħjar bit-tħawwil ta' siġar adatti u manutenzjoni oħra.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li jmur oltre minn hekk u ta l-opinjoni li għandha ssir riġenerazzjoni tal-infrastruttura eżistenti. Dan joħroġ mir-rapport li ħejja MELP dwar l-istat preżenti ta' din l-istrippa.

B'reazzjoni għal din il-proposta, CEO ta' Infrastructure Malta informa li l-Aġenzija tkun lesta tilqa proposta tad-disinn mill-Perit tal-Kunsill u jekk l-Aġenzija tapprova d-disinn u l-ispiża, dan il-proġett ikun jista jsir bil-kuntrattur tal-Kunsill u jsir rimborż min-naħa tal-Aġenzija.

B'żieda ma' dan, is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien talab ukoll biex titjieb l-infrastruttura ta' numru oħra ta' toroq fl-Iklin li fl-opinjoni tal-Kunsill huma difettużi kawża ta' diversi fatturi prinċipalment bit-tħaffir ta' trinek li saru matul is-snin.

Is-Sindku semma Triq Ġużè Pesci/Triq Mons. P.P. Saydon, Triq Stefano Erardi, Triq il-Ħarruba u Triq il-Plejju.

Dwar dawn il-proposti, is-CEO tal-Aġenzija Infrastructure Malta, filwaqt li ma kien hemm l-ebda mpenn, talab lis-Sindku biex issir talba formali f'dan ir-rigward.

Fuq l-istess suġġett, is-Sindku Dott. Sciberras informa bi pjaċir li l-Aġenzija Infrastructure Malta sa fl-aħħar kienet laqgħet it-talba tal-Kunsill li tiġi asfaltata Sqaq il-Ħwawar. Mill-leġiżlatura preċedenti, il-Kunsill baqa' joħloq pressjoni fuq l-Aġenzija Infrastructure Malta biex isir titjib fi Sqaq il-Ħwawar. Fakkar li l-Kunsill kien applika għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja taħt il-Miżura 4.3 biex isir dan l-Isqaq però għal xi raġuni, dan l-isqaq ma kienx eliġibbli flimkien ma' triq oħra biswit Triq il-Ħwawar. Ġara li l-Aġenzija IM ħadet l-inkarigu biex tasfalta Sqaq fi Triq il-Ħwawar u filwaqt li l-Kunsill apprezza ferm l-involviment tal-Aġenzija IM, il-Kunsill baqa' jinsisti biex Sqaq il-Ħwawar jiġi nkluż fil-programm tax-xogħol. B'sodisfazzjon, is-Sindku qal li fi ftit ġimgħat oħra, se jibda x-xogħol fuq dan l-Isqaq biex ir-residenti u l-bdiewa ta' dik iż-żona jkollhom infrastruttura tajba.

35.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien irċieva komunikat mill-Kummissjoni Djakonija fi ħdan il-Parroċċa Familja Mqaddsa biex il-Kunsill jikkunsidra li jsir tibdil fl-ismijiet tat-toroq li huma

adjaċenti mall-Knisja Parrokkjali u li sallum baqgħu jġibu l-istess isem 'Pjazza Ninu Cremona'. Il-proposta ssemmi li triq minnhom tiġi msemmija għal Monsinjur Carmelo Aquilina li apparti li tonora lil dan il-benefattur singulari tal-Iklin, l-ewwel Rettur taż-Żona Awtonoma u l-ewwel Kappillan, li bena l-Knisja , Ċentru u Dar Parrokkjali, u filantropu, ssolvi l-konfużjoni li tinqala meta wieħed jiġi biex isib iż-żewġ toroq li llum jiffurmaw parti minn Pjazza Ninu Cremona u li fil-verita huma toroq distinti. Is-Sindku kien qed jirriferi għall-parti tat-triq fejn illum hemm il-garage tal-kumpless parrokkjali sa ma taqbad Triq Anton Manoel Caruana.

Imbagħad it-triq fejn hemm id-dar parrokkjali hija wkoll bla isem u għadha titqies bħala parti minn Pjazza Ninu Cremona. Il-proposta tal-Wisq Reverend Kappillan issemmi li bix-xieraq li din it-triq tissejjaħ Triq l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, li ddikjara l-Iklin bħala Żona Pastorali Awtonoma fit-2003 u mbagħad bħala Parroċċa fit-2005, sena biss qabel ma rtira.

Filwaqt li fil-parti ta' wara tal-Knisja li wkoll baqgħet iġġorr l-isem ta' Pjazza Ninu Cremona maqbuda bejn żewġ toroq fl-istess alinejament, għandha tinbidel u tieħu l-isem ta' Triq Ġużè Pesci.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta fl-ismijiet tat-toroq u kien deċiż li ssir talba formali lill-i*street Naming Committee*.

### 35.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

35.5.1 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar is-sitwazzjoni tal-istreet lighting fi Triq Giuseppe Calleja peress li r-residenti qed jilmentaw min-nuqqas suffiċċjenti ta' dawl fit-triq.

Is-Sindku Dott. Sciberras li din is-sitwazzjoni kienet ġiet indirizzata mill-Uffiċċju Amministrattiv fejn lampa li kienet stallata fuq arblu ġiet sostitwita u tweħħlet ma' proprjetà privata naturalment wara li l-Kunsill kien ġab il-kunsens mingħand il-parti konċernata.

L-arblu tad-dawl kien tneħħa fuq talba tal-Kunsill wara ilment li kien irċieva l-Kunsill minn sid ta' garage fejn l-imsemmi arblu kien ilu jostakola l-aċċess.

Is-Sindku ikkonkluda li l-każ kien riżolt a sodisfazzjon ta' kulħadd.

## 35.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

35.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn id-29 ta' Ġunju u t-2 ta' Awwissu 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

35.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1337/21. Rapport (lighting & ventilation) imħejji minn Engineer in konnessjoni ma' PA 04286/21 relatat ma' xogħlijiet fis-Sala tal-Kunsill.

Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li l-Kunsill kien applika mal-Awtorità tal-Ippjanar biex is-Sala tal-Kunsill tkun aċċessibbli għal kulħadd.

35.6.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1407/21. Bring-in-sites fil-lokalità.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellha ssir *site visit* flimkien mall-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent biex nidentifikaw sit ġdid għal Bring-in-Site.

**COMPLAINTS SHEET (29 ta' Ġunju 2021 - 2 t'Awwissu 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 139 | 30/06/2021 | Residenta minn Triq ES Inglott qed tilmenta li s-sid tal-garaxx ta' ħdejha qed iħalli ħafna imbarazz quddiem il-garaxx. Dan qed jattira ġrieden u *health hazard* ieħor. | pending | Triq E.S. Inglott | **COUNCIL** |
| 140 | 30/06/2021 | Hemm id-dawl ta' barra ta' Triq il-Wied qed ikun mixgħul lejl u nhar. | settled | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 141 | 01/07/2021 | Hemm truck u crane qed jostakolaw Triq Guzeppi Calleja bla permess. | settled | Triq Ġużeppi Calleja | **LESA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 142 | 08/07/2021 | Talba biex isir 'white line' fin-nofs fi Triq il-Għargħur għaliex qed tkun perikoluża peress li l-vetturi mhux qed iżommu fuq is-side tagħhom. | pending | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |
| 143 | 09/07/2021 | Rapport li persuna waqgħet fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 144 | 10/07/2021 | Talba biex L-Iklin ikollu Sub Post office | pending | | **COUNCIL** |
| 145 | 10/07/2021 | Talba biex Triq Ċ. Bugeja titnaddaf mit-trabijiet tal-kostruzzjoni | pending | Triq Ċensu Bugeja | **COUNCIL** |
| 146 | 13/07/2021 | Bozza tixgħel u titfi fuq arblu quddiem 14, Triq Anton Manuel Caruana | settled | Triq Anton Manuel Caruana | **ENEMALTA** |
| 147 | 13/07/2021 | Bozoz jixgħelu u jintfew fuq arbli fi Triq Alfred Gerada | settled | Triq Alfred Ġerada | **ENEMALTA** |
| 148 | 15/07/2021 | Tappiera tħabbat quddiem no. 118, Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 149 | 15/07/2021 | Tappiera tħabbat quddiem no. 92, Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 150 | 15/07/2021 | Talba biex tinqala' bozza biex isiru xogħlijiet mal-faċċata mall-ħajt ta 34, Triq AM Galea | pending | Triq A M Galea | **MICAMED** |
| 151 | 16/07/2021 | Bozza iċċaqalqet minn fuq arblu għal faċċata mall-ħajt, Triq G Calleja | settled | 47, Triq G Calleja | **MICAMED** |
| 152 | 16/07/2021 | Talba għal bozza ġdida fuq arblu fi Triq Żebbuġa c/w Triq il-Ħwawar | pending | Triq Żebbuġa | **COUNCIL** |
| 153 | 19/07/2021 | Bozza mitfija quddiem 10, Triq il-Prinjol | pending | Triq il-Prinjol | **ENEMALTA** |
| 154 | 20/07/2021 | Triq in-Namur ilha ma tinkines | pending | Triq in-Namur | **INNOVATIVE** |
| 155 | 20/07/2021 | Talba biex *wheel stoppers* ta Triq il-Klin jiġu rranġati għax miksurin | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 156 | 20/07/20201 | Boroz tal-iskart ma ngabrux nhar it-Tnejn (19 Lulju) | settled | various | **R & A Waste** |
| 157 | 20/07/2021 | Talba biex isir MC Bay fi Triq G M Azzopardi | pending | Skyfall, Triq G M Azzopardi | **COUNCIL** |
| 158 | 20/07/2021 | Talba biex isir xi ħaġa peress li taw ċitazzjonijiet minħabba parking fuq il-bankina fi Triq G M Azzopardi (2 bankini) | pending - email to TM | Triq G M Azzopardi | **COUNCIL** |
| 159 | 23/07/2021 | Talba għal *refresh* ta' linji ta Triq A M Galea | settled | Triq A M Galea | **COUNCIL** |
| 160 | 23/07/2021 | Karozza rappurtata abbandunata fi Triq A M Galea u grada mwaqqa fi Triq Naxxar | settled | | **Police** |
| 161 | 26/07/2021 | Ilmenti dwar ħsejjes minn tappieri u spralli l-ġodda fi Triq il-Wied | talked to Perit | Triq il-Wied | **Infrasructure** |
| 162 | 27/07/2021 | Rapport dwar imbarazz li ntefa' fl-għalqa ta' Triq Dott. Pawlu Grech. | pending | Triq Pawlu Grech | **COUNCIL** |
| 163 | 28/07/2021 | Hemm bozza tixgħel u titfi fi Triq il-Harruba. | pending | Triq il-Ħarruba | **ENEMALTA** |
| 164 | 28/07/2021 | Ilma maħmuġ ħiereġ quddiem 28/30 Triq A M Galea | closed | Triq A M Galea | **PUBLIC HEALTH** |
| 165 | 28/07/2021 | Hemm ħofra fi Triq G M Azzopardi | pending | Triq G M Azzopardi | **COUNCIL** |
| 166 | 29/07/2021 | Hemm ħafna żrar Triq Dun Karm c/w Triq E S Inglott | settled | Triq Dun Karm | **Cleansing Dept** |
| 167 | 30/07/2021 | Hemm leakage tal-ilma quddiem nru. 8, fi Triq Mons P.P. Saydon. | pending | Triq Mons P.P. Saydon | **W.S.C.** |
| 168 | 30/07/2021 | Hemm ħafna dlamijiet fi Triq Ġużeppi Calleja n-naħa ta' fuq. | pending - sent STL form to Enemalta | Triq Guzeppi Calleja | **ENEMALTA** |
| 169 | 30/07/2021 | Hemm store fi Triq Ċensu Bugeja li għandu l-kaxxa s-safra. | pending | Triq Ċensu Bugeja | **COUNCIL** |

## 35.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

35.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

35.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

35.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

35.7.6 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal xiri ta' (30) A5 diaries għas-sena 2022 mingħand il-fornitur Time Care Ltd għall-prezz ta' Eur130.98c V.A.T. inkluż; nem con.
2. Kwotazzjoni għal xiri ta' uniformijiet għall-impjegati tal-Kunsill Lokali L-Iklin mingħand il-fornitur In Design (Malta) Ltd għall-prezz ta' Eur248.39c V.A.T. inkluż; nem con.

## 35.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

35.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

35.8.2 Applikazzjoni PA 04895/21 – Aria, Triq Ħal Għargħur Iklin – To sanction interventions to licensed commercial premises, and proposed partial demolition and provision of 41 car parking area. Use qualifies under band club, social club, dance or wedding hall, discoteque or similar places of assembly (Regulation 4(b) of LN74/14.

35.8.3 Applikazzjoni PA 05243/21 – 3, Triq Fredrick Borg, Iklin – Demolition of existing bungalow, excavation of site and construction of bungalow including swimming pool.

35.8.4 Applikazzjoni PA 05017/21 – 16 Warda, Triq il-Plejju Iklin – Demolition parapett wall, excavation under front

garden to construct underlying domestic store. To sanction minor internal alterations.

35.8.5 Applikazzjoni PA 05038/21 – 10, Villa Nova, Triq il-Prinjol Iklin – To sanction variations from previously approved permit PA/01535/13 as built including existing front garden layout, new railing and gates.

35.8.6 Applikazzjoni PA 02088/21 – Triq ir-Razzett l-Aħmar Iklin – Sanctioning of restoration/reconstruction of existing pre-1967 rubble walls. Sanctioning to demolition of pre-1967 rubble walls for widening and realignment of right of way and deposition of concrete for safe passage to third party property. Proposed restoration/reconstruction of existing pre 1967 rubble walls to form better parceling of land, deposition of new soil over existing field, including formation of new soil levels. Construction of underground reservoir and installation of new timber gates.

35.8.7 Applikazzjoni PA 04816/21 – Distribution Depot, Triq Ħal Għargħur Iklin – Construction of 'earth sheltered' operations offices (Class 4A) as approved in outline permit PA 4871/20 to provide the necessary support to the approved distribution depot in PA 3680/05.

35.8.8 Applikazzjoni PA 04701/21 – 76, Casa Tanti Triq Stefano Erardi, Iklin – To form internal opening between dwelling and garage and to sanction internal alteration.

35.8.9 Applikazzjoni PA 04697/21 – 21, Capricorn, Triq Ġwann Mamo Iklin – Internal and external alterations, construction of additional two units, and another unit on a receded floor.

## 35.9 RAPPORT IMĦEJJI MINN MELP DWAR L-ISTAT PREŻENTI TAL-ISTRIPPA BIL-ĦAMRIJA FI TRIQ B'KARA L-IKLIN

35.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li wara talba li saret lill-MELP dwar l-istrippa biex tiġi organizzata minħabba l-istat li tinsab fiha anke bl-ideja li sservi bħala *green lung* biex tikkumpensa għall-volum ta' traffiku li tiġġenera l-istess By-Pass, u anke biex jsir titjib estetiku u tagħti dehra isbaħ lil din il-lokalità, sar on-site meeting nhar it-13 ta' Mejju biex jittieħed rendikont tal-qagħda li tinsab fiha din l-istrippa ħamrija.

Qabel xejn, is-Sindku għarraf lill-preżenti li din l-istrippa jew kif aħjar isemmi dan ir-rapport (the proposed embellished parcels) taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Malta Embellishment Landscapes Project.

Ir-rapport isemmi li f'dan is-sit, il-miżura u l-kwalità ta' dawn il-konki (planters) huwa inadegwat biex isostnu siġar maturi. Il-konki ġew imċekna maż-żmien u wħud minnhom ġew *cemented* waqt li kien qed isir xogħol fuq l-infrastruttura tal-By-Pass. Jidher ukoll minn dan ir-rapport li m'hemmx sistema ta' irrigazzjoni u għaldaqstant fis-sitwazzjoni preżenti, MELP mhux qed tirrakkomanda li jsir xi forma ta' intervent fuq dak eżistenti.

Ir-rapport isemmi wkoll li hemm numru ta' parcels li jikkontjenu fdalijiet ta' siġar li tqaċċtu jew mietu maż-żmien, uħud minnhom lanqas jaqgħu taħt il-kompetenza ta' MELP. L-istess uffiċċjal ma jagħtix parir li jitneħħew dawn is-siġar għal raġuni li s-sit eżistenti mhuwiex adegwat biex is-siġar jimmaturaw peress li m'hemmx fond ta' ħamrija u hemm numru ta' restrizzjonijiet oħra. Iżid li m'hemmx spazju adegwat bejn it-triq u s-siġar u ħafna mid-drabi l-istess speċi jistgħu ikunu ta' periklu għas-sewwieqa. It-tħawwil ta' nebbieta jkunu jeħtieġu minn tal-anqas sentejn ta' tisqija kontinwa. Preżentement, it-tisqija f'din l-istrippa ssir permezz tal-bowser li mhux l-aħjar sistema meta tikkunsidra li B'Kara By-Pass hija kkunsidrata bħala triq traffikuża u għaqldaqstant hemm sfida oħra meta wieħed jitkellem dwar it-tisqija f'din l-istrippa.

Ir-rapport ikompli billi jsemmi li preżentement, il-konki tas-siġar m'huma organizzati xejn u d-deterjorazzjoni hija kkawżata minn fatturi esterni. Jidher li meta saret l-infrastruttura tat-triq kemm in-naħa ta' service road u wkoll man-naħa tal-By-Pass, l-istrippa ġiet restritta b'mod kif tidher illum. Huwa evidenti t-telf tal-ħamrija waqt xi maltempata u dan minħabba sistema inadegwata tad-drenaġġ fuq kull naħa tat-triq.

Barra minn hekk, il-konki ġew rinforzati bil-concrete biex iservu bħala lqugħ, u b'dan il-mod tiżdied l-inklinazzjoni tal-konki f'ċertu parcels ta' din l-istrippa bil-konsegwenza li toħloq aktar pressjoni fuq is-sistema tal-għeruq.

Kien osservat ukoll li numru ta' speċi ta' siġar kibru u inklinati fuq naħa waħda. Dan minħabba r-restrizzjonijiet tal-konka eżistenti li jorbot mal-infrastruttura tat-triq. Min-naħa l-oħra, is-siġar eżistenti jidhru b'saħħithom u MELP ma tagħtix il-parir li jsir intervent sakemm is-siġar jibqgħu stabbli u b'saħħithom. Kienu innutati wkoll spralli tal-ilma tax-xita li l-probabiltà tkun qed tintilef aktar ħamrija.

Ir-rapport jikkonkludi li hemm diversi nuqqasijiet estetiċi ikkawżati minn fatturi esterni fosthom in-nuqqas ta' attenzjoni meta saru xi interventi fuq l-infrastruttura ġdida tat-triq u miżuri insuffiċċjenti li ttieħdu biex itaffi l-għargħar fit-triq partikolarment f'ċertu partijiet.

Fl-aħħarnett, MELP tilqa bi pjaċir ri-ġenerazzjoni tas-sit b'mod ħolistiku biex ikun maħsub ben tajjeb, ippjanata sistema tal-irrigazzjoni u bil-ħsieb li l-proġett propost ikun jirrispetta kemm it-tħawwil ta' speċi adattati u wkoll is-sigurtà tat-triq, u tas-sewwieqa.

Il-kundizzjonijiet preżenti ma jippermettux għal aktar minn titjib superfiċjali għall-estetika tas-sit.

**(Ara dok. E)**

**35.10 PREŻENTAZZJONI TA' RAPPORT IMĦEJJI MILL-PERIT TAL-KUNSILL DWAR L-IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FIL-PARTI KKUNSIDRATA BĦALA RESIDENTIAL PRIORITY AREA SKONT CENTRAL MALTA LOCAL PLAN.**

35.10.1 Dan ir-rapport kien mibgħut lill-Kunsillieri minn qabel għall-interess tagħhom.

Is-Sindku Dott. Sciberras ta briefing dwar l-iskop ta' dan l-istudju fejn jirriżulta li minħabba li żdiedet l-attività industrijali fiż-żona barra mill-iżvilupp bi proġetti għaddejjin u żviluppi oħra li qed jiġġeneraw traffiku permezz ta' makkinarju goff li ħafna mid-drabi qed jaċċessaw minn Triq il-Ħarruba għal Triq iż-Żebbuġa biex jaslu għall-barrieri b'detriment għar-residenti li jirrisiedu f'żona deskritta bħala Residential Priority Area. Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien saħansitra ltaqa' mar-residenti taż-żona xhur ilu biex jifhem u jisima aktar b'dawn l-inkonvenjenzi, perikli u ħsarat ikkawżati minn

makkinarju goff. Is-Sindku żied jgħid li mhux l-aħjar li makkinarju goff jaċċessa minn dawn it-toroq u fakkar li f'seduti preċedenti, il-Kunsill kien ressaq mozzjoni biex issir talba formali lill-Awtorità regolatorja biex Triq il-Ħarruba, Triq il-Ħwawar u Triq iż-Żebbuġa ikunu aċċessibbli u disinjata għal vetturi żgħar (light vehicles). Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku fakkar li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kien talab lill-Kunsill biex nippreżentaw pjan.

In vista tal-imsemmi hawn fuq, il-Kunsill ikkummissjona lill-Perit tal-Kunsill biex isir studju dwar din iż-żona bil-ħsieb li jsir titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku u dan l-istudju jgħin lill-Kunsill biex isib rotta alternattiva għall-aċċess ta' makkinarju goff filwaqt li tittieħed deċiżjoni biex ikun hemm assigurazzjoni ta' sigurtà fuq it-toroq ta' din iż-żona.

Imbagħad stieden lill-Perit biex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu dwar dan is-suġġett.

35.10.2 Fl-introduzzjoni tiegħu l-Perit qal li kienu saru numru ta' site-visits fiż-żona biex seta' jipprovdi *site conditions* li huma a dispożizzjoni tal-Kunsill. Il-Perit semma li kien ittieħed *survey* biex isir dan l-istudju partikolarment dwar Triq il-Ħwawar u Triq ir-Razzett l-Aħmar. Mill-miżuri li ttieħdu f'numru ta' intervalli, jidher li fit-toroq indikati hawn fuq, l-aktar parti wiesa' tat-toroq kien ta' 3.47 metri filwaqt li l-aktar partijiet restritti kien ta' 2.71 metri. Il-Perit semma li skont l-Architect data li juża dwar makkinarju goff (heavy goods vehicles) il-wiesa ta' dawn l-inġenji jkun ta' 2.5 metri.

Semma li preżentement, Triq il-Ħwawar u Triq ir-Razzett l-Aħmar jintużaw bħala two-way traffic u hemm element ta' periklu. Jirriżulta wkoll minn *site conditions* li f'din iż-żona hemm attività industrijali peress li hemm numru ta' barrieri. Żied jgħid li l-ideja ta' dan l-istudju huwa li nsibu aċċess jew aħjar rotta għall-makkinarju goff li jkun irid jagħti servizz f'din iż-żona.

Il-proposta li qed tiġi ppreżentata f'dan ir-rapport hija bbażata mill-fatt li Triq il-Ħarruba, Triq il-Ħwawar u Triq iż-Żebbuġa qed jiġu disinjati bħala toroq purament residenzjali u l-aċċess ikun biss limitat għall-vetturi żgħar.

Ir-rapport isemmi li l-aċċess għall-makkinarju goff għandu jsir minn Triq Ħal Għargħur biss filwaqt li l-ħruġ tal-istess makkinarju minn Triq ir-Razzett l-Aħmar.

Ippreżenta pjanta biex il-membri tal-Kunsill jifhmu aħjar ix-xenarju permezz tal-viżwal. L-istudju jinnota wkoll li fi Triq ir-Razzett l-Aħmar hemm numru żgħir ta' residenti u għaldaqstant l-ewwel parti tal-imsemmija triq kif indikat *f'site location plan* mehmuż ma' dawn il-minuti hemm ippjanat l-immaniġġjar tat-traffiku li jipprovdi u jaħseb għall-ħtiġijietijiet taż-żona.

Il-Perit isostni li dawn it-toroq mhumiex siguri għal *two-way standard driving* għax jeżisti periklu kontinwu speċjalment kien innutat numru ta' *blind spots*. Evidenti huma *scratches* mall-ħitan tas-sejjiegħ ikkawżati minn makkinarju goff.

Għall-makkinarju li huwa direzzjonat għaż-żona industrijali fi Triq il-Ħwawar, l-istudju ħaseb ukoll għall-immaniġġjar tat-traffiku adegwat biex ikun hemm kontroll, direzzjoni, u aċċessibilità tat-traffiku u l-ħruġ tal-inġenji jsir minn Triq ir-Razzett l-Aħmar. Il-Perit saħaq li l-istudju qed jaħseb fuq il-kunċett ta' *singular flow* biex nindirizzaw id-diffikultajiet li qed taffaċċja din iż-żona. B'dan il-mod, l-istudju propost se jkun qed jgħin biex nevitaw makkinarju goff milli jaċċessa fit-toroq residenzjali u l-makkinarju jiġi direzzjonat minn Triq Ħal Għargħur għal Triq ir-Razzett l-Aħmar.

B'dan l-istudju nkunu qed ninkoraġġixxu lill-makkinarju goff li jagħtu servizz fiż-żona biex jaċċessaw minn Triq Ħal Għargħur u l-ħruġ tal-makkinarju ikun minn Triq ir-Razzett l-Aħmar. L-implimentazzjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku propost li jinkludi dead-end signs minħabba l-one ways għandu jgħin biex din iż-żona tkun ta' serħan il-moħħ u tipprovdi għas-saħħa u s-sigurtà tal-persuna.

Imbagħad il-Perit staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

35.10.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit qal li ma tantx jara alternattivi oħra u jaħseb li dan l-istudju jista jindirizza id-diffikultajiet eżistenti.

35.10.4 Il-Kunsillier Bernice Farrugia kompliet mall-Kunsillier Zammit fejn esprimiet ukoll il-fehma tagħha li kienet qed taqbel ma' dan il-pjan propost.

35.10.5 Imbagħad is-Sindku talab biex jittieħed vot għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

35.10.6 Il-Kunsill approva unanimament. Dan ir-rapport ser jiġi sottomess lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

## 35.11 PREŻENTAZZJONI TAD-DISINN PROPOST GĦAR-RIĠENERAZZJONI TA' PJAZZA NINU CREMONA

35.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ta briefing dwar is-sitwazzjoni li għaddej minnu l-Kunsill Reġjonali Ċentru fejn qal li f'Ottubru li ġej, anke bl-emendi li daħlu fis-seħħ, il-Kunsill Reġjonali se jsir xi ċaqliq fejn Kunsilli li kienu jaqgħu taħt dan ir-Reġjun se jkunu qed imorru ma' Kunsill Reġjonali ieħor u l-Kunsill Lokali L-Iklin se jibqa mal-istess grupp taħt l-isem tal-Kunsill Reġjonali Lvant. Preżentement, fuq bażi reġjonali, San Ġwann inċidentalment huwa s-sede tar-Reġjun u tat-Tribunal. Peress li l-Kunsill Lokali San Ġwann mhux ser jibqa mal-istess Reġjun, ifisser li l-Kunsill Reġjonali ser jispiċċa bla dar.

Ir-Reġjun għamel ir-riċerki tiegħu mal-Awtorità tal-Artijiet li min-naħa tal-Awtorità qed toffri l-art lill-Kunsill Reġjonali fi Triq Dott. Pawlu Grech fl-Iklin. Id-diskussjonijiet huma fi stadju inizjali u m'hemm xejn fil-konkret u xejn pubbliku però s-Sindku qal li kien fid-dover tiegħu li jwassal din l-informazzjoni lill-Kunsillieri.

Proprju dwar dan is-suġġett, l-Awtorità tal-Artijiet qed toffri l-għalqa li hija proprjetà tal-Gvern fi Triq Dott. Pawlu Grech bil-kundizzjoni li l-għalqa tiġi żviluppata b'mod li mawdar il-binja tal-Kunsill jitħalla bħal ġnien u jinbena 20% bħal fil-każ tal-Kunsill Lokali Raħal Ġdid.

Is-Sindku żied jgħid li kien avviċinat mill-Kunsill Reġjonali biex jara xi tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill peress li dak li qed ikun propost jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-lokalità tal-Iklin.

Is-Sindku qal li huwa jilqa din il-proposta għaliex apparti li jinbena l-Kunsill Reġjonali u t-Tribunal, hemm ukoll l-opportunità li l-Kunsill Lokali L-Iklin ikollu wkoll is-sede

tiegħu bħala parti minn din il-binja.  Kompla billi qal li huwa kien qed jipproponi li jsir skavar biex il-binja tipprovdi għall-parkeġġ u bil-possibiltà li jsiru arranġamenti biex filgħaxija r-residenti taż-żona jkunu jistgħu jagħmlu użu minn din il-faċilità tal-parkeġġ.

Preżentement din l-għalqa hija mmarkata bħala *green space* però f'laqgħa li saret ma' CEO tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar dan is-suġġett, id-diskussjoni ħadet dimensjoni aktar wiesgħa u teknika biex dan il-proġett propost ikun jista jiġi attwat.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien informa lis-CEO tal-Awtorità tal-Ippjanar li l-Kunsill kien qed jippjana fuq riġenerazzjoni ta' Pjazza Ninu Cremona biex dan l-ispazju miftuħ jintradd b'mod sabiħ lill-komunità.

B'reazzjoni għal dan, CEO tal-Awtorità spjega li sa llum, Pjazza Ninu Cremona, il-playing field u l-ġardina hija żona għall-iżvilupp.  L-ideja fil-prinċipju tal-Kunsill li ssir riġenerazzjoni ta' Pjazza Ninu Cremona tiffitja preċiż fil-kuntest ta' dak li jista jsir bħala skambju ta' art sabiex l-art fi Triq Dott. Pawlu Grech issir Ċentru Amministrattiv filwaqt l-ispazju miftuħ ta' Pjazza Ninu Cremona jingħata għal skop pubbliku b'żona riġenerata għal rikreazzjoni tal-komunità.

Is-Sindku qal li b'dan il-proġett propost inkunu qed nelevaw lill-lokalità għaliex isir ir-raħal kapitali tar-Reġjun Lvant u fejn ċertament tingħata dehra aħjar lil waħda mill-entraturi tal-Iklin.  Il-proġett propost tal-binja li sservi bħala Kunsill Reġjonali, it-Tribunal u l-Kunsill Lokali nkunu qed nelevaw l-*istatus* tal-lokalità, kompla jgħid is-Sindku.

B'dan il-mod, il-Kunsill Lokali jkun qed jaħtaf din l-opportunità b'fondi għal dan il-proġett propost li jkunu ġejjin mill-Kunsill Reġjonali Lvant.  Sintendi l-Kunsill ikun irid jagħmel il-parti tiegħu għal xi spejjeż ta' *interior finishings*.  Is-Sala tal-Kunsill tkun shared ma' dik tal-Kunsill Reġjonali u ċ-Ċentru Amministrattiv ikollu s-sede tiegħu fi Triq Dott. Pawlu Grech.

Is-Sindku stqarr ukoll li meta dan l-item ġie diskuss waqt laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Ċentru, ma kienx hemm oġġezzjonijiet mill-Kunsilli Lokali l-oħra li jiffurmaw taħt dan ir-Reġjun.

Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm kummenti dwar dak li kien qed jiġi propost fil-Kunsill Reġjonali Ċentru. Il-ħsieb jew aħjar il-pjan jidher li ntlaqa tajjeb ħafna mill-Kunsillieri preżenti u taw l-appoġġ lis-Sindku biex ikompli bid-diskussjonijiet a favur dan il-proġett propost.

35.11.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras għamel l-introduzzjoni tiegħu din id-darba dwar il-proġett propost għar-riġenrazzjoni tal-pjazza fejn stqarr li mill-aħħar diskussjonijiet li saru dwar dan waqt laqgħa tal-Kunsill, il-Perit kien ser jippreżenta disinn fuq skala aktar ridotta minn dak li ġie ppreżentat f'laqgħat preċedenti.

35.11.3 Il-Perit tella preżentazzjoni dwar proposta amendata anke biex il-proġett ikun wieħed reali u tanġibbli. Il-Perit tkellem dwar id-disinn emendat fejn ġew diskussi anke l-materjali minħabba l-kunċett ta' żona pedonali / semi pedonali. Stqarr li minn varji eżempji li nsibu f'Malta u Għawdex, dan it-tip ta' materjali bħal *porfido* u materjal ieħor simili għandu tendenza li jfalli taħt *heavy traffic* u għaldaqstant kien qed jipproponi materjali oħra fosthom *imprint concrete*.

Il-Perit kompla billi qal li l-ispazju miftuħ ikun primarjament għall-użu pubbliku u l-modifikazzjoni li għamel fid-disinn kien biex jipprovdi spazji għall-parkeġġi u qal li m'hemmx aktar il-ħsieb li jsir skavar bħal ma ġie ppreżentat fl-ewwel disinn. Mhux se jsir skavar bejn il-livelli differenti bejn l-ispazju miftuħ, il-playingfield u l-ġardina.

Il-Perit qal li jista jieħu vantaġġ minn dan id-diżlivell permezz ta' strutturi. Żamm fil-ħsieb l-importanza tal-aċċess liberu għall-knisja u l-ħwienet taż-żona filwaqt li l-ispazju miftuħ ikollu taħlita ta' *planters* u għamara oħra (street furniture) fejn il-komunità tkun tista tirrilassa. Jidhirlu li hija proposta li tamalgama il-bżonnijiet kollha ta' dan l-ispazju mingħajr ma tinterferixxi ma' dak li hemm diġa eżistenti. Filwaqt li d-disinn jagħti prijorità għall-użu pedonali però d-disinn mhux qed jinjora jew jitraskura il-bżonn tal-parkeġġi. Fil-fatt, fid-disinn il-parkeġġ huwa disinjat 45 degrees parking (fish bone type) kif inhu bbażat id-disinn imħejji mill-Perit.

Mill-aspett finanzarju, il-proġett jista jiġi deskritt bħala 'a budget friendly proposal' u f'dan l-istadju d-disinn għadu wieħed preliminari. Qed nużaw l-ispazji li hemm preżentement però bid-disinn propost se nkunu qed noħolqu aktar spazji rikreajttivi.

35.11.4 Imbagħad is-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex jgħaddu l-kummenti tagħhom dwar id-disinn modifikat.

35.11.5 Il-Kunsillier Godwin Catania laqa' d-disinn b'sodisfazzjon però rrimarka li f'dan il-proġett propost għandu jkun hemm inkluż riserva għall-ilma speċjalment fejn qed jissemma li jsiru numru ta' *planters* fl-ispazju miftuħ.

35.11.6 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li kien suġġeriment validu u faċilment il-Perit jista jipprovdi għal dan peress li d-disinn għadu fl-istadju preliminari.

35.11.7 Il-Kunsillier Godwin Catania irrimarka wkoll li tkun ħasra jekk proġett ta' din ix-xorta li jkun jixraq lill-lokalità, il-Kunsill ma jaħsibx għall-latrina pubblika għaliex ma jagħmilx sens li toffri spazju rikreattiv għall-komunità u ma jkunx hemm ċertu servizzi.

35.11.8 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb għal dan il-ħsieb tal-Kunsillier Catania fejn qal li huwa kien xettiku dwar dan minħabba d-diffikultajiet li jġibu magħhom dawn il-latrini pubbliċi. Kien qed jirriferi għall-immaniġġjar u l-manutenzjoni tagħhom. Però ma jżommx lill-Kunsill milli jikkunsidra l-inklużjoni ta' latrina pubblika fid-disinn għaliex dan l-ispazju għandu jipprovdi wkoll għal tali servizzi.

35.11.9 Bil-permess tas-Sindku, il-Perit qal li l-Kunsill jista joptja għal *automated public toilet* li huma *self-cleaning* u ma jarax diffikultà biex jinkludi dan is-servizz fid-disinn.

35.11.10 Waqt id-diskussjoni, is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ħsieb biex il-Kunsill jikkunsidra jitkellem mal-Awtorità tal-Artijiet dwar il-ħwienet vakanti li hemm quddiem il-knisja biex ladarba jibqgħu vakanti, il-Kunsill jesplora l-possibiltà li jikkonverti ħanut f'latrina pubblika biex jikkumplimenta u jkun parti integrali mill-proġett propost għar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Ninu Cremona. Sintendi hemm proċedura li tkun trid tiġi segwita biex jiġi akkwistat il-

post jekk hux b'devoluzzjoni jew mod ieħor u applikazzjoni għal *change of use*.

35.11.11 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li din tista tkun alternattiva oħra u nistgħu nitkellmu mal-Awtorità tal-Artijiet fil-mument propizju. Il-Kunsillieri appoġġjaw dan il-ħsieb b'mod unanimu.

35.11.12 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar kummenti jew interventi x'isiru.

35.11.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jkun tajjeb li f'dan l-istadju l-Kunsill ikollu viżjoni ċara x'irid anke dwar il-kunċett taż-żona pedonali u jew semi pedonali biex il-Kunsill ikun jista jkompli jimbotta dan il-proġett ambizzjuż. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Perit jekk il-modifikazzjoni fi soft landscaping eżistenti kienx ser jaffettwa l-ispeċi eżistenti nonostante l-fatt li jista jkun hemm speċi invażivi imma t-teħid ta' ħamrija biex jiżdied il-parkeġġ kien ikkalkulat u jekk iva, x'inhu l-persentaġġ li ser jittieħed mill-ħamrija?

35.11.14 Bil-permess tas-Sindku, il-Perit wieġeb li meta niġu biex nattwaw id-disinn, l-ispeċi ta' siġar eżistenti mhux ser jiġu affettwati. Għalkemm id-disinn huwa miftuħ u fi stadju preliminari, jikkonferma li l-persentaġġ li ser jittieħed minn dak eżistenti huwa wieħed minimu.

35.11.15 Imbagħad is-Sindku talab biex jittieħed vot fuq il-kunċett ippreżentat mill-Perit. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

35.11.16 Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

35.11.17 Is-Sindku filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill tal-appoġġ sħiħ f'dan il-proġett propost, qal li kien importanti li mmexxu għall-istadju li jmiss biex jippreżenta d-disinn lill-Awtorità tal-Ippjanar. Żied jgħid li l-Kunsill ikun irid ukoll jikkonsulta mar-residenti u *stakeholders* kollha konċernati biex nisimgħu qabel ma jkompli l-proċess.

## 35.12 DISKUSSJONI DWAR L-IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU F'DIVERSI ŻONI FL-IKLIN

35.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras għamel introduzzjoni dwar issue rikorrenti fi Triq Ġużè Muscat Azzopardi, triq purament residenzjali, parkeġġ iddisinjat fuq iż-żewġ naħat.

Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill f'leġiżlaturi preċedenti, kien għamel intervent fuq bankina peress li ma kenitx aċċessibbli għall-pubbliku. Għaldaqstant il-Kunsill kien iddeċieda li joħloq bankina oħra wiesa 1.2 metri biex tkun aċċessibbli għal kulħadd.

Dak iż-żmien il-Kunsill kien kostrett jikkoreġi jew aħjar joħloq bankina addizzjonali minħabba l-fatt li jeżistu diżlivelli bejn l-għetiebi u minħabba dan il-fatt, il-bankina kellha tiġi mtarrġa. Sintendi ma kenitx konformi mar-regolamenti għax ma kenitx aċċessibbli għal kulħadd.

Matul dawn l-aħħar snin, ir-residenti tat-triq kienu ħolqu prassi biex jitilgħu parti mill-vettura fuq il-bankina biex il-vetturi man-naħa l-oħra tat-triq ikunu jistgħu jimmanuvraw speċjalment is-sidien tal-garages li hemm fl-imsemmija triq.

Ġara li ftit tal-ġimgħat ilu, xi residenti ġew immultati mill-Aġenzija LESA fuq rapport għaliex kienu qed joħolqu kontravvenzjoni peress li kellhom il-vettura ipparkjata parzjalment fuq il-bankina. Dan ħoloq kaos kbir fit-triq fost ir-residenti u l-Kunsill kellu jintervejni biex tinstab soluzzjoni.

Is-Sindku Dott. Sciberras kompla jispjega kif kien talab laqgħa fl-immedjat fuq il-post ma' Uffiċċjal tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex insibu soluzzjoni. Is-Sindku talab lill-Uffiċċjal biex l-Awtorità biex tikkunsidra li jsir *partial parking on pavement* dment li l-bankina tibqa aċċessibbli għall-pubbliku. Wara diskussjoni, kien jidher li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex issir linja bħala gwida biex vettura tkun tista tirkeb il-bankina b'mod li tagħmilha faċli biex il-vetturi fuq in-naħa l-oħra tat-triq ikunu jistgħu jimmanuvraw u jkollhom *free ingress/egress* ma kenitx waħda favorevoli. F'dan l-istadju kien deċiż li l-Kunsill jagħmel talba formali lill-Awtorità u naraw x'kien ser ikun l-eżitu.

Fil-frattemp, is-Sindku tkellem ukoll mall-Perit tal-Kunsill biex issir spezzjoni u nibdew naħsbu f'soluzzjonijiet jew aħjar modifikazzjoni fil-bankina. Ittieħed survey fl-immedjat biex naraw it-triq 'il quddiem.

Proprju fuq dan is-suġġett, is-Sindku stieden lill-Perit biex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu b'din il-proposta.

35.12.2 Il-Perit ippreżenta survey a sodisfazzjon tal-Kunsillieri preżenti fejn ir-rapport isemmi li minħabba d-diffikultajiet li hemm fuq din il-bankina, primarjament minħabba l-livelli differenti u servizzi eżistenti. Spjega li preżentement hemm forma ta' bankina doppja parti bit-turġien u bankina oħra ċatta wiesa 1.2 metri.

Mill-istudju li sar, jidher li l-bankina eżistenti tista tiċkien circa 30 ċentimetru filwaqt li tibqa fully accessible. B'dan il-mod, il-bankina tirtira 'l ġewwa u sintendi titwessa l-karreġġjata. F'dan l-istadju, il-Perit qed jittama li b'din il-modifikazzjoni, ma nkunux qed naffettwaw is-servizzi tad-drenaġġ. Dan għall-fatt li quddiem kull residenza hemm *manholes* tad-drenaġġ iżda mhux kollha bl-istess dimensjonijiet.

Imbagħad ippreżenta BoQ bix-xogħlijiet proposti biex issir din il-korrezzjoni jew aħjar modifika fil-bankina t-tul kollu bejn Triq Ġwann Mamo u Triq Ġużè Galea. Skont il-BoQ preliminari, l-ammont jitla għal madwar Eur19k. Kompla billi qal li l-intervent li jrid isir huwa li tiċkien il-bankina ta' ġewwa li tibqa mtarrġa minħabba d-diffikultà tal-għetiebi tar-residenzi filwaqt li l-bankina f'forma ċatta tibqa 1.2 metri *fully accessible*. B'hekk il-Kunsill ikun qed jissodisfa l-kriterji ta' CRPD.

35.12.3 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet jew kummenti.

35.12.4 Il-Kunsillier Godwin Catania qal li kien importanti li nindirizzaw din l-infrastruttura għaliex ir-residenti ilhom iressqu l-ilmenti proprju minħabba dawn id-diffikultajiet li qed taffettwa l-kwalità tal-ħajja tan-nies.

35.12.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill preċedenti preċiżament fis-sena 2011 kien kiteb lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex jiġi mplimentat 'partial parking on pavement'. Informa li l-Kunsill ma kellux risposta favorevoli. Żied jgħid li t-talba li saret ftit tal-jiem ilu, anke jekk l-implimentazzjoni ta' linja mmarkata fuq il-bankina tkun miżura temporanja, tkun is-soluzzjoni temporanja sakemm issir il-modifikazzjoni tal-bankina.

Imbagħad is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Perit jekk skont l-istess survey li ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill, kienx fattibbli.

35.12.6 Bil-permess tas-Sindku, il-Perit sostna li s-*survey on plan* huwa fattibbli però jekk hemm servizzi oħra moħbija, qal li ma jkunx jista jagħti commitment ta' dak li mhux jidher. Għalhekk kien issuġġerit li niftħu applikazzjoni għal xogħlijiet fit-toroq biex fil-proċess li l-applikazzjoni għal xogħlijiet fuq bankina tgħaddi lill-entitajiet, inkunu nistgħu naraw x'hemm servizzi u minn fejn għaddejjin.

35.12.7 Bħala konklużjoni, is-Sindku qal li dan huwa intervent delikat u qed jittama li dan il-kapitlu jingħalaq darba għal dejjem a sodisfazzjon tar-residenti kollha tat-triq.

**35.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

35.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 1 ta' Settembru 2021 fil-5.30 pm.

35.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Settembru 2021 fil-5.30 pm.

35.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |